**205. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' BINI LI JIKKONSISTI F'*COLD STORES* U UFFIĊINI F'BARRIER WHARF FIL-BELT, VALLETTA, LILL-MALTESE LIBYAN ARAB FISHING COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar- Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Maltese Libyan Arab Fishing Company Limited il-bini li jikkonsisti f'*Cold Stores* u uffiċini f'Barriera Wharf, Valletta, deskritti aħjar fl-Abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl- istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini li jikkonsisti f'*Cold Stores* u uffiċini f'Barriera Wharf, Valletta, jista' jiġi mogħti lill-imsemmija kumpannija, Maltese Libyan Arab Fishing Company Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab fuq il-Mejda tal-Kamra.

30.07.1979